MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 18/2005

Jude Thaddeus sive Teddy Cachia u martu Josephine Cachia

Vs

Francis Xavier Grech u martu Rita Grech u Charlene Curmi u zewgha Brian Curmi

Il-Qorti,

**Azzjoni Pawljana – Kreditu irid ikun titolu ezekuttiv jew semplici pretensjoni sabiex issir l-actio pauliana ? - Elementi - Donazzjoni – Spejjez Gudizzjarji**.

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-atturi fit-18 ta’ Frar 2005. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tordna r-rexxissjoni ta’ kuntratt ta’ donazzjoni li sar fit-3 ta’ Novembru 2004 fl-atti tan-nutar Dr. Paul

George Pisani (fol. 42). B'dan il-kuntratt il-konvenuti konjugi Grech taw b'donazzjoni *"..... il-garage bla numru sottostanti beni ohra tad-donatarja, fi Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex"* u in forza ta' liema d-donanti *"....jirriservaw a favur taghhom id-dritt ta' uzu u abitazzjoni gratuitu fl-immobili hawn trasferit ghal matul matul il-hajja naturali taghhom"*. L-iskop ta' dawn il-proceduri kien sabiex dan l-immobbli jerga' jiddahhal bhala formanti parti mill-patrimonju tal-konvenuti konjugi Grech.

Rat li mill-atti jirrizulta li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda mressqa mill-atturi fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007.

Rat l-atti tal-mandati ta' inibizzjoni 50/2004 u 53/2004, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' qbid numru 6/2005.
Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Jibda biex jinghad li l-vertenza hi llum limitata ghall-kap ta' l-ispejjez biss. Dan in kwantu fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2007, ***"Dr. Anton Refalo ghall-atturi ddikjara li l-kreditu li kellhom l-atturi...... thallas, ilum fadal biss pendenti l-kwistjoni ta' l-ispejjez ta' din il-kawza in kwantu l-meritu jinsab ezawrit billi l-atturi thallsu l-kreditu li kellhom. Il-partijiet qablu wkoll li l-hlas sar fl-ahhar ta' Gunju 2007 u l-kawza fuq imsemmija saret res judicata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-1 ta' Gunju 2007, fol. 55"***.

2. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) B'att datat 19 ta' Lulju 2002 il-konvenuti konjugi Grech taw lil Francesco u Coronata konjugi Sultana u Joseph, Angela ahwa Sultana ipoteka specjali fuq id-dar matrimonjali ghas-somma ta' wiehed u sebghin elf lira Maltija (Lm71,000) bhala garanzija biex taghmel tajjeb

ghal pretensjoni tal-familja Sultana fil-konfront taghhom u dedotta fil-kawza fl-ismijiet **Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et** (Cit. Nru:- 56/1999PC). Il-garanzija giet iskritta permezz ta’ nota ta’ insinwa prezentata f’Awwissu 2002. Dan il-ftehim kien sar wara li b’digriet moghti fit-30 ta’ April 1999 fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 42/1999PC fl-ismijiet **Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et**, il-Qorti laqghet it-talba tal-familja Sultana u inibit lill-konjugi Grech milli jittrasferixxu d-dar matrimonjali taghhom u porzjon art maghrufa bhala ta’ Salvuzzu, limiti ta’ Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka mija u disgha u hamsin metri kwadri (159mk). Il-kreditu ndikat fil-mandat kien fl-ammont ta’ sebghin elf lira Maltija (Lm70,000). B’digriet iehor moghti fid-29 ta’ Lulju 2002, il-Qorti ordnat il-hrug tal-kontromandat (numru 38/2002).

(b) Permezz ta’ sentenza moghtija fis-27 ta’ Lulju 2004 minn din il-Qorti fil-kawza **Jude Thaddeus sive Teddy Cachia et vs Francis Grech** (Cit. Nru:- 118/1996AMT), il-konvenuti konjugi Grech gew ikkundannati jhallsu s-somma ta’ erbat elef tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm4,348.80), inkluz tlett kwarti (3/4) ta’ l-ispejjez.

(c) Fis-7 ta’ Settembru 2004 l-atturi pprezentaw rikors (50/2004) u talbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex il-konvenuti konjugi Grech jigu inibiti milli jittrasferixxu d-dar matrimonjali taghhom u l-garaxx li hu meritu ta’ din il-kawza.

(d) Permezz ta’ risposta prezentata fid-9 a’ Settembru 2004, il-konvenuti konjugi Grech wiegbu fis-sens li *“l-intimati qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma dan il-mandat ta’ inibizzjoni fuq id-dar bin-numru erbgha u ghoxrin (24) fi Triq it-Tmienja u Ghoxrin ta’ April 1688, Xaghra, Ghawdex filwaqt li tirrevoka l-istess mandat fuq il-kumplament tal-propjeta indikata fil-mandat”* (fol. 19) u dan in kwantu ddikjaraw li l-valur tal-proprjeta’ kien jeccedi bil-bosta l-ammont li l-atturi kienu qeghdin jippretendu minghandhom. Mir-risposta jirrizulta li l-konjugi Grech ma gabux a konjizzjoni tal-Qorti li fuq id-dar matrimonjali kien hemm ipoteka specjali fuq id-dar matrimonjali.

(e) Fit-22 ta' Settembru 2004 l-atturi regghu pprezentaw rikors (numru 53/2004) fl-ismijiet **Jude Thaddeus sive Teddy Cachia et vs Francis Xavier Grech et** fejn talbu lill-Qorti tinibixxi lill-konvenuti milli jittrasferixxu bi kwalsiasi titolu l-vetturi EAZ883; GAJ048; JBA051 u K7920. B'digriet moghti fit-2 ta' Novembru 2004, il-Qorti laqghet it-talba tal-konjugi Cachia.

(f) Fit-23 ta' Settembru 2004 l-atturi pprezentaw replika fl-atti tar-rikors numru 50/2004 li permezz taghha ddikjaraw li mir-ricerki tal-konjugi Grech kien jirrizulta li z-zewg proprjetajiet kienu milquta minn mandat ta' inibizzjoni numru 42/1999 fl-ismijiet **Francesco u Coronata Sultana et vs Francis Xavier Grech u Rita Grech** degretat fit-30 ta' April 1999. Annessa ma' din in-nota gew prezentati r-ricerki (*transfers*) tal-konvenut ghall-perjodu l-1 ta' Jannar 1980 sal-16 ta' Awwissu 2004. Mill-istess ricerki jirrizulta li fis-7 ta' Frar 1992 il-konvenuti konjugi Grech xtraw il-fondi markati bin-numru tnejn (2) u erbgha (4) fi Triq il-Mungbell, Marsalforn, limiti tax-Xaghra, Ghawdex. Mill-istess ricerki jirrizulta li fuq din l-art bnew blokk ta' appartamenti (ghalkemm ma jirrizultax in-numru ta' appartamenti li nbnew).

(g) B'digriet moghti fit-30 ta' Settembru 2004 il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni limitatament fuq id-dar matrimonjali.

(h) B'sentenza moghtija fit-18 ta' Novembru 2004 fil-kawza **Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et** (Cit. Nru:- 56/1999PC), din il-Qorti kkundannat lill-konjugi Grech sabiex ihallsu s-somma ta' tnejn u disghajn elf hames mija u erbatax-il lira Maltija (Lm92,514) bhala danni. Minn din is-sentenza gie ntavolat appell.

(i) Fit-3 ta' Novembru 2004 gie ppubblikat il-kuntratt ta' donazzjoni bejn il-konvenuti konjugi Grech u binthom Charlene Curmi (konvenuta wkoll).

(j) Fis-7 ta' Jannar 2005, l-atturi konjugi Cachia pprezentaw mandat ta' qbid kawtelatorju (numru 6/2005) fl-ismijiet **Jude Thaddeus sive Teddy Cachia et vs Francis Xavier Grech et** fir-rigward tal-vetturi numri EAZ 883, GAJ 048, JAB 051 u K7920. Il-mandat gie ezegwit fit-8 ta' Frar 2005. Fit-8 ta' Frar 2005 l-atturi pprezentaw rikors fl-atti tal-mandat ta' qbid sabiex jinhatar kunsinnatarju. Fit-18 ta' Frar 2005 l-atturi pprezentaw il-

kawza odjerna. B'digriet moghti fit-23 ta' Frar 2005, il-Qorti laqghet it-talba ghall-hatra ta' kunsinnatarju. Sussegwentement, fis-7 ta' Marzu 2005 il-konvenut odjern ipprezenta rikors sabiex il-mandat jigi revokat skond l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 u dawn in kwantu l-vetturi kienu jintuzaw fl-ezercizzju tan-negozju tal-konvenut Grech. Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh u fit-18 ta' Marzu 2005 il-partijiet ftehemu li l-konjugi Grech jaghmlu garanzija bankarja. Garanzja li saret u ggib id-data tal-21 ta' Marzu 2005 fl-ammont ta' sebat elef u hames mitt lira Maltija (Lm7,500) li sussegwentement giet emendata b'garanzija ohra datata 13 ta' Mejju 2005 sabiex tkun tkopri wkoll lill-konvenuta Rita Grech. B'digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2005, il-Qorti ordnat ir-revoka tal-mandat ta' qbid numru 6/2005. Il-garanzija giet eventwalment irtirata mill-konjugi Cachia wara rikors li sar fil-11 ta' Gunju 2007.

(k) B'sentenza moghtija mill-Qorti ta l-Appell fl-1 ta' Gunju 2007 (**Jude Thaddeus sive Teddy Cachia et vs Francis Grech et** – Cit. Nru:- 118/1996AMT), l-appell intavolat mill-konjugi Grech gie deciz fis-sens li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qort fis-27 ta' Lulju 2004 giet konfermata. L-appell intavolat mill-konjugi Grech gie dikjarat bhala fieragh u vessatorju u gew kundannati jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn.

3. Permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qeghdin isostnu li l-kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani fit-tlieta (3) ta' Novembru 2004 bejn il-konvenuti konjugi Grech u l-konvenuta Charlene Curmi sar bi pregudizzju u bi frodi tad-drittijiet tal-atturi.

Fl-ewwel lok, meta giet intavolata l-kawza odjerna l-kreditu tal-atturi kien ghadu m'huwiex titolu ezekuttiv. Jidher li dan il-fatt ma jfissirx li ma tistax tigi ntavolata din it-tip ta' azzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Mifsud vs Cini** deciza fis-7 ta' Dicembru 1934 ghamlet riferenza ghall-principju addottat mill-Qrati Taljani:- *"La parola creditore deve interpretarsi non gia' nel senso ristretto di persona che abbia un credito pecuniario accertato, sibbene per designarsi in genere* ***<u>chiunque abbia una azione a far valere in giudizio per</u>***

***reclamare l'adempimento di una obbligazione; e quindi in tali condizioni puo' esperire la detta azione chiunque si trovi pregudicato dal fatto altrui con atti posti in essere dal debitore***". Hekk ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Lulju 1950 (Vol. XXXIV.iii.851) osservat: *"il-kelma kreditur f'materja ta' azzjoni pawljana ghandha tigi nterpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu pekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obligazzjoni; b'mod li jista' jesperixxi din l-azzjoni kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur"*. F'din l-istess sentenza l-Qorti ghamlet riferenza ghad-decizjoni Mifsud vs Cini, hawn fuq citata. Hekk per ezempju gie dikjarat li l-mara tista' tipproponi din it-tip ta' azzjoni wara l-mewt ta' zewgha minghajr ma jkun hemm bzonn li qabel titlob il-likwidazzjoni ta' l-akkwisti, u dan in kwantu ghandha l-jedd li l-komunjoni tal-akkwisti tigi likwidata bis-sustanzi kollha li jmisshom jidhlu fiha[1].

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sena 2006 (numru 5246) gie sottolinejat li *"poiche' ai fini dell'esperimento dell'azione revocatoria ordinaria da parte del creditore avverso un atto di disposizione patrimoniale compiuto dal debitore* ***e' sufficiente l'esistenza di una ragione di credito, ancorche' non accertata giudizialmente****......"* (sottolinejar tal-Qorti). Il-Kodici Civili Taljan vigenti (Artikolu 2901), jipprovdi espressament li din l-azzjoni tista' ssir ***".. anche se il credito e' soggetto a condizione o a termine"***. Provvediment li ma jhalli l-ebda lok ta' dubju li l-azzjoni tista' ssir minghajr il-htiega li l-kreditur ikollu titolu ezekuttiv, b'dan li f'dawn il-kazijiet ghandu jkun hemm is-soprasessjoni; *"il giudizio promosso con l'az. Rev. E' soggetto a sospensione necessaria, ai sensi dell'art. 295, c.p.c.*[2]*, per il caso di pendenza di controversia nella quale venga contestata l'esistenza del*

[1] Ara f'dan ir-rigward sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef G. Valenzia) fil-kawza fl-ismijiet **Brigitte Vella vs Richard Vella et** deciza fis-26 ta' Ottubru 2001 u konfermata fil-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar, 2003.
[2] *"Il giudice dispone che il processo sia sospeso in ogni caso in cui stesso o altro giudice deve risolvere una controversia, dall definizione dipende la decisione della causa"*.

*credito, in quanto la definizione di quest'ultima costituisce la premessa della pronuncia sulla domanda revocatoria (96/960)"* (*Commentario Breve al Codice Civile*, Giorgio Cian u Alberto Trabucchi, Cedam, 1996 pagna 3304).

Mir-ricerka li ghamel il-Magistrat sedenti ltaqa' ma' sentenza lokali fejn dan ir-ragunament ma giex addottat: **Negte. Salvatore Tonna vs Aristide Psaila ed altri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' April 1933 (Vol. XXVIII.iii.1121): *"l'azione pauliana e quella di simulazione appartengono alla procedura esecutiva. Le dette azioni presuppongono un credito nello attore e non una mera pretensione di un credito, e possono essere esercitate da creditori e non da persone aventi diritti"*. Il-Qorti kompliet tosserva, *"Invero non si puo' immaginare che azioni di tanta importanza, quali sono la pauliana o quella di simulazione, possano appartenere alla procedura meramente cautelatoria......"*. F'dik il-kawza l-attur kien diga' ghamel kawza ohra sabiex jigi kanonizzat kreditur tal-konvenut. Imbaghad intavola l-azzjoni pawljana bhala mezz kawtelatorju. L-attur appella u permezz ta' sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 1934 (Vol. XXVIII.i.810) il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat: *"L'azione revocatoria e' un azione esecutiva e non si puo esercitare se non da un creditore certo e non gia' da un creditore che vanta una mera pretensione sebbene gia' dedotta in giudizio ed in cautela dela quale ha gia' ottenuta l'emissione di un mandato"*.

Madankollu din il-Qorti tippreferi taddotta l-fehma espressa minn Baudry Lacantinerie, fis-sens li *"Ma, perche' un credito sia anteriore all'atto fraudolente, basta che il suo principio esista prima della conclusione di quest'atto. Poco importa che sia stata dichiarata l'esistenza dei diritti del creditore, o che questi diritti siano stati liquidati da un giudicato ulteriore.* ***Questo giudicato non ha fatto nascere il credito; esso non e' che il titolo che lo constata.***

*Cosi, per esempio, i creditori possono esercitare l'azione pauliana contro la divisione d'ascendente fatta dal loro debitore in frode del loro diritti, benche' il credito risultante da un conto corrente anteriore a quest'atto non sia stato*

*riconosciuto che da un giudicato emesso dopo la divisione”* (*Diritto Civile – Delle Obbligazioni* – Volum I, pagna 733).

L-elementi ta’ l-azzjoni pawljana huma tnejn[3]:-

(a) ***Consilium fraudis*** – peress li l-att impunjat hu ta’ donazzjoni, hu bizzejjed li dan l-element jigi pruvat biss relattivament ghad-debitur, cjoe’ l-konvenuti konjugi Grech u dan in kwantu l-att hu ta’ natura gratuwita; *“in kwantu ghall-element tal-consilium fraudis hu ormai pacifikament ritenut fid-dottrina u l-gurisprudenza li l-istess jikkonsisti fix-xjenza li bl-att qeghda tigi determinata l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibbilita’; u li bizzejjed li jigi pruvat li d-debitur ikun jaf li bl-att tieghu huwa qieghed jiddetermina jew jawmenta l-insolvenza tieghu; li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun leziv ghall-kreditur, minghajr ma hi rikjesta l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur (Vol. XXXIX.ii.866; XXXIX.i.24). Din il-prova tinkombi lill-atturi, ghaliex ‘in tema di azione di simulazione o di azione revocatoria o pauliana non milita in legge alcuna presunzione di frode, quand’anche si tratti di fatti a titolo gratuito, ma resta a lui che l’allega l’onere di provarla (Vol. XXVIII.ii.551)”* [**Carmelo sive Charles Bray et vs Stella Bray et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Ottubru 1960 - Vol.LX.ii.659]. Ghalhekk ghal dan l-element m’hemmx htiega ta’ l-*animus nocendi*, fis-sens per ezempju tat-truffa fil-kamp kriminali, imma bizzejjed ix-xjenza ta’ l-att u l-previzjoni li dak l-att ikun leziv ghad-drittijiet tal-kreditur; *“huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzzjoni li l-att sejjer ikun leziv ghall-kreditur”* (**Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et** deciza fl-10 ta’ Jannar 1955 – Vol. XXXVIII.i.24). Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Camilleri vs Mario Borg et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[4] fil-21 ta’ Ottubru 2004, gie osservat:- *“Ghar-rigward tal-element ta’ consilium fraudis, gia intwera li mhux mehtieg prova ta’ intenzjoni li jaghmel hsara; kull ma hu mehtieg biex jissustixxi dan l-element hu li d-debitur jirrealizza li bl-att li qed jaghmel qed inaqqas l-*

---

[3] M’hemmx htiega li ssir prova ta’ *partecipatio fraudis* min-naha tat-terz fil-kaz ta’ donazzjoni.
[4] Imhallef Tonio Mallia.

*assi tieghu. Kull ma hu mehtieg hu li d-debitur kien jaf li ga kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att, u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija haga inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt (Vol. XLI.I.627)"*. Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Henry Pace et nomine vs Antonio Portanier et** (Vol. XLI.i.627) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Marzu, 1957, gie osservat *"illi l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kreditur filwaqt li kien jaf li ga kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt".*

(b) ***<u>Eventus Damni</u>*** – *"...bi hsara tal-kreditur domandanti, billi d-debitur, bl-att impunjat, ikun almenu ppeggjora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu"* (**Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' Lulju 1950 – Vol. XXXIV.iii.851). Fil-kawza **Francis Grima vs Teresa Kelly et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Frar 1967 gie sottolinejat li, *"illi d-dannu fil-pawliana huwa l-insolvenza tad-debitur determinata, b'rapport ta' kawzalita' fisika u psikika, mill-att frawdolent, u dan id-dannu ghandu jezisti fil-mument li tigi ezercitata l-azzjoni. "Il debitore e' insolvente nel caso in cui il suo passivo supera l'attivo. Il debitore e' insolvente quando con atti giuridici spontaneamenti si trova in condizione di non adempiere in tutto o in parte le assunte obbligazioni. Le dette formule tutte si equivalgono. Il danno poi deve essere effettivo: quando sia supposto o immaginario o addirittura impossibile, non si da luogo alla pauliana" (Butera, pagina 280)"*. Ghalhekk, *"A diminuition in the debtor's estate is therefore not enough, but it must be such as to render it insufficient or more insufficient than it was before, to satisfy the creditor; in other words, such as to determine or increase the debtor's insolvency. If, inspite of the act to be impugned, the debtor is still in a position to satisfy the creditor's claim, the action may not be exercised because*

*there is no prejudice to the creditor”* (*Notes on Civil Law*, Prof. V. Caruana Galizia pagna 337).
M’hemmx kwistjoni li fl-azzjoni pawljana ma tezisti ebda presunzjoni ta’ frodi u din ghandha tigi provata minn min jallegaha. Sahansitra fil-kawza **Francis Grima vs Teresa Kelly et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-24 ta’ Frar 1967 inghad:- *“ma jistghux jassumu forza probatorja determinanti certi indizji u alluzjonijiet frammentarji ta’ konsapevolezza ta’ certi fatti li bhala fonti artificjali ta’ prova ma jistghux jigu ammessi f’azzjoni simili li ‘trattandosi di azione odiosa non puo’ essere supplita dale congetture invocate dall’attore (Vol. XVI.ii.229). Dana l-principju, imbaghad, ghandu jigi applikat aktar rigorozament ‘allorche’ si tratti di dichiarare inesistenti atti pubblici che hanno in loro favore la presunzione della verita’ e della buona fede’ (Kollez. XXVIII.ii.551); u ghalhekk gustament ghandu jigi ritenut li ‘contro simili atti in particolare le deduzioni devono essere specifiche, circostanziali, nonostante la cause e l’interesse del simulare, e le presunzioni devono essere fondate su fatti gravi, precisi e concordanti (App. 29 ta’ April, 1925 in re Micallef vs Prof. Dr. Carmelo Sammut)”.*

4. Fir-rigward tal-meritu, ghalkemm hu minnu li l-konvenuti baqghu kontumaci dan ma jfissirx li dan in-nuqqas jissarraf f’xi ammissjoni. Fl-ewwel lok il-Qorti tiddikjara li mhi mpressjonata xejn bl-agir tal-konvenuti waqt li kien ghadu pendenti l-mandat ta’ inibizzjoni numru 50/2004 li kien gie prezentat mill-atturi. Dan in kwantu fir-risposta taghhom ma ghamlu l-ebda riferenza ghal fatt li d-dar kienet diga’ milquta minn ipoteka specjali favur il-familja Sultana. Ghalkemm hu minnu li dan il-fatt kien jirrizulta mir-ricerki illi l-atturi stess ipprezentaw fl-atti tal-istess mandat ta’ inibizzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti konjugi Grech zgwidaw lill-Qorti meta ddikjaraw li l-valur tad-dar kien bizzejjed sabiex ikopri l-pretenzjoni tal-atturi u ghalhekk talbu li l-Qorti tilqa’ t-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni limitatament fir-rigward tad-dar. Dan ma setax kien minnu ghaliex kien hemm diga’ ipoteka specjali ghall-valur ta’ wiehed u sebghin elf lira Maltija (Lm71,000) favur il-familja Sultana u l-perit inkarigata mill-

konvenuti konjugi Grech kienet (ftit inqas minn sentejn qabel gie prezentat il-mandat ta' inibizzjoni numru 50/2004) ghamlet stima li d-dar tiswa wiehed u sebghin elf lira Maltija (Lm71,000) (fol. 20). Hu evidenti li f'dak l-istadju l-konvenuti konjugi Grech kienu diga' determinati li jittrasferixxu l-proprjeta' tal-garaxx lil binthom Charlene Curmi. Hekk ukoll il-konvenuta ma qalitx is-sewwa meta fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 xehedet, *"mistoqsija mill-qorti meta ahna trasferejna l-appartament u l-garaxx ta' Marsalforn lit-tifel taghna Jonathan nahseb li kien bejn wiehed u iehor xi tlett snin ilu. Nikkonferma illi l-att ta' trasferiment kien sar wara l-kuntratt tat-tlieta (3) ta' Novembru o four ('04)"* (fol. 84). Min-nota prezentata fil-21 ta' Dicembru 2007 mill-atturi u l-kopja tal-kuntratt anness, jirrizulta li t-trasferiment sar fis-6 ta' Settembru 2004 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Robert John Muscat (fol. 89-90). Madankollu mic-cirkostanzi kif zviluppaw il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li b'dak li ghamlu l-konvenuti kienu qeghdin jaghmluh fil-parametri tal-element ta' *consilium fraudis* kif deskritt hawn fuq. Il-fatt li persuna tkun debitur ta' persuna ohra ma jfissirx b'daqshekk li d-debitur ma jistax jaghmel atti *inter vivios*. Il-fatt li l-konjugi Grech zammew id-dritt ta' l-uzu tal-garaxx, ma jimplikax li dak li ghamlu ghamluh bil-*consilium fraudis*. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li fl-istadju li sar it-trasferiment u meta giet prezentata l-kawza, il-konvenuti konjugi Grech kienu insolventi jew kien hemm xi periklu li t-trasferiment li ghamlu lil binthom kien ser iwassalhom ghal stat ta' insolvenza. Konferma ta' dan ghandna mill-mod kif zviluppaw ic-cirkostanzi, fis-sens li thallsu l-atturi u anke l-familja Sultana. Il-Qorti lanqas mhi konvinta li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, fiz-zmien li saret il-kawza (18 ta' Frar 2005) kien jissusisti l-element tal-*eventus damni*. Jekk jirrizulta li hemm assi ohra ta' valur sufficjenti, dan l-element ifalli. Fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti hi konvinta li l-konvenuti kellhom assi ohra x'jaghmlu tajjeb ghad-dejn li kellhom mal-atturi u li dwaru kien ghad hemm pendenti proceduri gudizzjarji.

5. Ma jistax ma jissemmix ukoll li fiz-zmien li giet prezentata din il-kawza (18 ta' Frar 2005), l-atturi ghagglu

xi ftit in kwantu kien diga' rnexxielhom jottjenu l-esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid fuq ingejni proprjeta' tal-konvenuti Grech li kienu qeghdin jintuzaw fin-negozju taghhom. Dan il-fatt wassal sabiex kif rajna, fi zmien qasir hafna l-konvenuti konjugi Grech taw garanzija bankarja (datata 21 ta' Marzu 2005) ghall-hlas tal-kreditu pretiz mill-atturi sa l-ammont ta' sebat elef u hames mitt lira Maltija (Lm7,500) (fol. 86). Fatt li jaghti lill-Qorti x'tifhem li l-atturi ma kienux fi stat ta' insolvenza jew f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja u li f'kull kaz l-atturi ma gewx pregudikati fl-interessi taghhom. Dan apparti l-fatt li anke wara li sar il-hlas lill-atturi, huma naqsu milli jcedu l-kawza fil-meritu u jzommu biss ferm il-kap ta' l-ispejjez. Fatt li jwassal sabiex l-ispejjez ma jonqsux.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-meritu in kwantu llum huma ezawriti wara li l-atturi thallsu (fil-mori ta' din il-kawza) l-kreditu li kellhom fil-konfront tal-konjugi Grech, tichad it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez ta' din il-kawza. B'dan li kwalsiasi spejjez tal-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom Francis Xavier Grech u martu Rita Grech in kwantu kif rajna l-mod li bih wiegbu r-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, wassal lill-Qorti sabiex taghti d-digriet tat-30 ta' Settembru 2004 u kkontribwixxa biex jaghti lok ghall-iktar dizgwid u kwistjonijiet bla bzonn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------